**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 26**

**Data:** **30 ta' Marzu, 2021**

**Hin:** **09.49am**

**Post:** **TEAMS** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

26.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

26.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

26.5 Korrispondenza u Rapporti;

26.6 Attivitajiet tal-Ghid;

26.7 Xogholijiet tat-Toroq;

26.8 Nominazzjoni u approvazzjoni kumitat tal-ghazla dwar sejhiet pubblici;

26.9 Approvazzjoni ta’ progetti tal-Iskemi;

26.10 Progetti u Xogholijiet;

26.11 Materji ohra;

26.12 Skeda ta’ Pagamenti;

26.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**26.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji**

26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apologija.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.3.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien hareg offerta’ biex tinxtara van tal-elettriku pero’ gie innotat li fis-suq hemm nine seater bi prezzijiet tajbin. Huwa zied jghid li meta jkollok seven seater sabiex tinkludi l-lifter tieghu int titlef zewg seats u tispicca b’hames seats biss. Bhala rampa gie spjegat li hemm kumpaniji li jistghu jinstalaw rampa li tkun certifikata skond l-istandard. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha tigi kkancellata l-offerta u tinhareg sejha ohra mill-gdid.

26.3.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva talba minghand resident minhabba bozza gdida fi Triq Trux. Gie spjegat li r-resident kien diga ghamel it-talba u pero’ fejn wahlet il-bozza ma kienx il-post ma kienx kuntent ghaliex mhux il-post fejn xtaqt li tehel. Is-Sindku spjega dwar is-sitwazzjoni prezenti bir-residenti fejn kien hemm xi ilmenti u bil-korrispondenza li kien hemm ma’ l-Enemalta. Huwa zied jghid li l-Enemalta ghad trid tikkonferma jekk tistax tehel jew le. Tonio Mifsud qal li minn informazzjoni li ghandu hemm min jixtieq il-bozza u min le. Is-Sindku qal li jekk tkun qeghda ddejjaq lil xi hadd minhabba dawl tista’ tehel shade. Huwa qal ukoll li l-Kunsill irid jiddeciedi jekk tigi approvata jaqbilx li tehel u ssirilha shade. Il-Vici Sindku u Tonio Mifsud qablu li tajjeb li jinstab kompromess. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jekk din tigi approvata min-naha ta’ l-Enemalta l-Kunsill m’ghandux isib oggezjoni pero’ ghandu jinstab kompromess ma’ min qed jilmenta li ma jridix.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

26.3.3 Is-Sindku ssugerixxa sabiex ghal Jum l-Omm u Jum il-Missier, il-Kunsill iqassam token zghir bhas-sena precedenti. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi sabiex jaghti dan it-token kif issugerit.

26.3.4 Is-Sindku qal li ltaqa' ma persuna li taf id-djalet tal-Brejku. Meta tkellem maghha wriet interess li taghti kors tal-Brejku sabiex din il-lingwa ma tkomplix tintilef. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jaghti dan il-kors pero' ghandu jistenna sa' Gunju minhabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19.

26.3.5 Is-Sindku spjega li l-ufficju kellu problema minhabba li l-*photocopier* tal-Kunsill kellha problemi u ghaldaqstant huwa necessarju li tinxtara wahda gdida. Is-Sindku spjega li kienet ingabet kwotazzjoni li kienet tammonta ghal €2507.50 Il-Kunsill qabel li ghandha tinxtara din il-*photocopier*.

26.3.6 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-belt/lokalita' kulturali 2022 qeghda tigi ppreparata sabiex tigi sottomessa. Huwa ta dettalji dwar din l-applikazzjoni u qal li jekk ikun hemm zmien jista' jkun li tissejjah laqgha sabiex terga' tigi diskussa l-applikazzjoni. Huwa zied jghid li ghalkemm hija x-xewqa li din l-applikazzjoni tigi milqugha u l-lokalita' tigi rikonoxxuta, din l-applikazzjoni tibqa' tkun ta' ghajnuna ghall-progetti futuri tal-Kunsill.

26.3.7 Is-Sindku qal li fl-laqgha precedenti kienet giet diskussa l-installazzjoni ta' gate li tinfetah bil-card ghall-ground tal-futbol. Huwa qal li l-istima li kellu fil-bidu kienet ta' €1300 u t-tieni wahda kienet ta' €1800. Huwa qal li l-problema hija li l-ewwel fornitur ma kienx disponibbli u ghaldaqstant l-unika possibilita' sabiex issir din huwa li l-Kunsill imur ghat-tieni fornitur. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jmur ghand it-tieni fornitur sabiex ikun jista' jwettaq dan ix-xoghol mehtieg.

26.3.8 Is-Sindku qal li saret stima minghand il-Perit ghall-kostruzzjoni ta' gibjun in-naha t'isfel ta' Triq il-Madonna tal-Virtut. Huwa qal li l-istima li tinkludi r-resurfacing, mains u immanigjar tat-traffiku hija ta' €130,000. Is-Sindku spjega li bhala Kunsill kien ghamel talba ghall-fondi addizzjonali ghal dan il-ghan mill-Ministeru ghal Ghawdex. Jekk dan ma jigix approvat il-Kunsill ser jaghmel uzu mill-UIF funds. Is-Sindku qal li dan il-gibjun ser ikollu kapacita' ta' madwar €100,000 gallun liema ilma ser ikun jista' jintuza' mill-bdiewa jew f'kaz ta' emergenza ta' nar. Huwa ssugerixxa li ssir sistema ta' kontrol ta' uzu. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jkun inkluz fil-progett ta' din it-triq.

## 26.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

26.4.1 Gew trattati mistoqsijiet minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi fir-rigward ta' talba ghal mera fiz-zona tal-fgura ghat-traffiku li jkun hiereg minn Triq Frangisk Portelli. Is-Sindku qal li f'dan ir-rigward kienet diga saret talba fis-snin l-imghoddija pero' Transport Malta ma kienux approvaw it-talba. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li diga hemm il-proposta ghall-installazzjoni ta' Zebra Crossing ghal min ikun hiereg minn Triq il-Knisja u ghaldaqstant din tista' tkun

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

ta’ ghajuna sabiex it-traffiku jisslowja. Fuq dan il-punt Tonio Mifsud staqsa jekk ikunx jista’ jsir traffic lights fejn is-Sindku qal li l-proposta qeghda quddiem it-Transport Malta u l-Kunsill ghadu qed jistenna l-approvazzjoni u suggerimenti ta’ l-awtorita’.

## 26.5 Korrispondenza u Rapporti

26.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand il-moviment Kerygma fir-rigward tan-nominazzjoni taz-zghazugh tas-sena. Is-Sindku ppropona li jigi nominat zghazugh li jghin fil-parrocca u jaghmel xoghol volontarju kif ukoll involut ma’ l-ghaqdiet. Is-Sindku qal li huwa min-naha tieghu jissugerixxi lil Clive Rotin ghal din in-nominazzjoni. Fuq dan il-punt Tonio Mifsud qal li huwa ghandu interess personali u ghaldaqstant skuza ruhu u rtira mil-laqgha. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel li ghandu jigi nominat Clive Rotin ghal dan il-premju.

Tonio Mifsud dahal lura ghal-laqgha.

26.5.2 Gew trattatati s-segwenti permessi ghal zvilupp ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar: PA1550/21, PA01605/21, PA01667/21, PA01638/21, PA01703/21 u PA01343/21.

## 26.6 Attivitajiet tal-Ghid

26.6.1 Gie spjegat li minhabba restrizzjonijiet li thabbru ricentament b’prekawzjoni tal-pandemija, l-attivitajiet marbuta ma’ l-Ghid ma jistghux jigu organizzati kif diskuss fil-laqgha precedenti. Ghal dan il-ghan is-Sindku ssugerixxa li ssir distribuzzjoni bieb bieb. Huwa ssugerixxa li ghandu jinhareg avviz pubbliku kif ukoll fuq facebook fejn dawk interessati li t-tfal taghhom jircievu din l-ghotja ghandhom jirregistraw. Kien hemm qbil li d-distribuzzjoni ssir Hadd il-Ghid.

## 26.7 Xogholijiet tat-Toroq

26.7.1 Gie spjegat li fil-prezent kien hemm zewg toroq li fuqhom kien qed isir ix-xoghol. Wahda kienet Triq Birbuba fejn s’issa tpoggew il-mains ta’ l-Enemalta u ikkomunikati u tpogga l-e-mix u qeghdin jistennew li dan jinxef. Kif dan jinxef, ser tinfetah il-parti l-ohra tat-triq sabiex jinbeda x-xoghol fuq il-mains ta’ l-ilma. Fl-istess waqt saret ukoll spezzjoni min-naha tal-GO minhabba l-problema ta’ l-ilma quddiem ir-residenzi. Sadanittant qeghdin jaraw x’jista’ jsir min-naha taghhom biex tissolva din il-problema.

26.7.2 Xogholijiet ohra huma fuq il-pont ta’ Triq ta’ Sdieri. Is-Sindku spjega li l-cables ta’ l-Enemalta ser jitnehhew mill-art u jitpogga saqaf iehor tal-konkos. Min-naha tad-Dipartiment tad-drenagg ghadu ma kkonfermax jekk humiex ser jirrangaw id-drenagg. Il-Kunsill jittama’ li dawn ix-xogholijiet jitlestew sa l-ahhar ta’ Gunju.

26.7.3 Fil-prezent ghaddejjin ukoll xogholijiet fuq il-hitan tas-sejjieh fejn fil-prezent qeghin jittiehdu l-istejjem u l-kejliet sabiex ma jinqabiex il-budget. Wara Wied ir-Raghab ser isir Sqaq ta’ Pawluzzu u l-Belveder ta’ Wied ta’ Jodros. Is-Sindku

spjega li l-Perit qiegħed fil-preżent jaħdem fuq id-disinn tal-Wied ta' Jodros. Il-Perit qiegħed ukoll jaħdem ukoll fuq iż-żona fejn il-playing field fejn il-ground quddiem il-kumpless u l-bejt tiegħu fejn hemm il-ħsieb li jsir open *air gym*.

**26.8 Nominazzjoni u approvazzjoni kumitat tal-għażla dwar sejħiet pubbliċi**

26.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsil għandu fil-pjanijiet diversi offerti li jridu jinħargu. Saret diskussjoni dwar il-bord ta' evalwazzjoni fejn il-Kunsill qabel li jżomm mal-membri li kienu fuq il-bordijiet preċedenti. Dawn prinċipalment kienu jkunu magħmula minn accountant, perit (skond il-każ) jew tekniku u l-avukat. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm l-istess kumitat bħal qabel.

**26.9 Approvazzjoni ta' proġetti tal-Iskemi**

26.9.1 Ġie spjegat li l-iskemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jinkludu fihom li l-iskemi iridu jiġu approvati mill-Kunsill qabel jiġu sottomessi. Ġie spjegat li waħda minn dawn l-applikazzjonijiet kienet għal titjib tal-playing fields. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni fejn qabel li għandu jitfa' l-proposta tiegħu.

26.9.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar dak li ser jiġri wara li tgħaddi l-pandemija fejn hemm diversi proġetti u skemi li qed jiġu *awarded* lill-Kunsill u li jridu jitwettqu. Tkompliet id-diskussjoni fejn ġie innotat li dawn il-proġetti / skemi ser jirrikjedu ukoll risorsi umani bħal ma' huwa l-każ tal-van tal-Kunsill. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li għandu jara jsibx mezz kif jistgħu ingaggati nies li jgħinu fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti / skemi mingħajr ma jkun hemm piż żejjed fuq il-Kunsill.

26.9.2 Ġew diskussi l-applikazzjoni taħt l-iskema kulturali SPI/SCI/3/2021 li l-Kunsill ser ikun qed jissottometti l-applikazzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill ser ikun qed jissottometti erba' applikazzjonijiet li qed jiġu proposti bejn ix-xhur ta' Settembru u Diċembru 2021. Ġie spjegat ukoll li l-Kunsill irid joħroġ 20% ta' l-ispiża filwaqt li 80% jingħata mill-iskema. Kull applikazzjoni hija stmata li tiswa bejn €15,000 u €25,000 filwaqt li waħda minnhom tiswa €32,000. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet u qabel unanimament li għandhom jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet.

**26.10 Proġetti u Xogħolijiet**

26.10.1 Il-Proġetti u Xogħolijiet ġew diskussi aktar kmieni fil-laqgħa.

**26.11 Materji oħra**

26.11.1 Ma kienx hemm materji oħra sabiex jiġu diskussi.

**26.12 Skeda ta' Pagamenti**

26.12.1 L-Iskeda tal-pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. Flimkien ma'

dawn il-Kunsill approva ukoll l-bqija tal-pagamenti relatati ma' l-Opra u mall-Kite and Wind Festival.

Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar dawn iz-zewg festivals u qabel li jekk tinhareg skema fil-futur il-Kunsill ghandu jerga' japplika biex dawn ikunu jistghu jergghu jigu organizzati.

**26.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

24.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Tlieta, 27 ta' April, 2020 fit-9.00am permezz tat-Teams.

22.12.2 Il-laqgha spiccat fil-10.45am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |